Minuti tas-16 il-laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar It-Tlieta 24 ta' Awissu, 2010. Il-laqgha nbdiet hin 5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | **Membri:** |
| Sindku | David Apap |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |
| **Ufficjali:** | |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |
| **Assenti:** | |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-14 u 15 il-laqgha.**

1.1 Il-Minuti tal-14 u 15 il-laqgha gew approvati unanimament u iffimati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

1.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-indafa tal-lokalita' fejn is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-laqgha li kellu ma Green MT dwar il-proposti tal-Kunsill fosthom ghajnuna fi skema ta' distribuzzjoni ta' boroz suwed tal-iskart, provvista ta' bins ghar-residenzi kollha fejn ir-residenti ipoggu depozitu fuq il-bins u l-Kunsill jinxurja il-bins, involviment tat-tfal tal-iskola u tal-ghaqdiet lokali f'kampanja edukattiva. Manuel Muscat issuggerixxa illi l-bins ghandu jkollhom l-arma tal-Kunsill Lokali Gharb. Is-Sindku spjega illi hekk huwa ippjanat u li dawn il-bins biss ser ikunu qed jitbattlu mill-kuntrattur tal-iskart. Il-bins ser ikunu innumerati u jkollhom *datatrak chip*

1.3 Is-Sindku spjega illi inizjattivi ohra li ser mill-Green Mt ser ikunu qed jittiehdu mat-tfal li jattendu l-iskola primarja Gharb. Il-Kunsill iddiskuta il-fatt illi n-numru ta' tfal li jattendu l-iskola primarja Gharb qed dejjem jonqos u din is-sena ser ikun hemm madwar 75. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.4 Il-Kunsill iddiskuta Memo 118/2010 – Inizjattiva Ambjentali biex ticcelebra gheluq l-20 sena hidma tal-kumpanija Vodafone.

## 2. Progett ta' Wied il-Mielah – ERDF 022

2.1 Gie spjegat illi l-progett wasal fil-fazi ta' eghluq u qed jaslu l-ahhar kontijiet biex jigu pprezentati fi skeda fil-laqgha li jmiss.

**2.2 Kwotazzjonijiet ERDF022-33 sa 35.**

**2.2.1 Kwotazzjoni ERDF022-33 – formazzjoni ta' gonot ta' espansjoni.**

2.2.2 Giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Tarcisio Xerri ghall-prezz ta' €9.44 kull metru jimxi. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-kwotazzjoni.

**2.2.3 Kwotazzjoni ERDF022-34 – Provvista ta' materjal derivat mill-qatran li jespandi u jissigilla.**

2.2.4 Giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Rapa Showrooms Co. Ltd. Ghall-materjal Rooftex bil-prezz ta' €16.00 kull litru. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-kwotazzjoni.

**2.2.5 Kwotazzjoni ERDF022-35 - Skavar u tindif tal-qiegh tal-Wied.**

2.2.6 Gew sottomessi zewg kwotazzjonijiet minghand Gatt Tarmac Ltd. ghall-ammont ta' €4245.39 u minghand Road Construction Co. Ltd. ghall-ammont ta' €4041.21. Il-budget ghal din il-kwotazzjoni kien ta' €5929.36. Il-Kunsill qabel illi l-kwotazzjoni ghandha tinghata lil Road Construction Co. Ltd. u li ghandu jintuza il-budget kollu li hemm allokat.

2.3 Is-Sindku spjega illi mil-lat ta' xogholijiet fuq il-master plan tad-Dranagg min naha tal-WSC, kien hemm problema bil-cable tal-dawl li issa issolviet izda tawwlet iz-zmien. Gie spjegat illi x-xogholijiet tal-WSC ghandhom ikomplu mat-tieni gimgha ta' Settembru bil-hsieb li dawn jitlestew sa l-ahhar tas-sena.

2.4 Dwar l-inawgurazzjoni tal-progett is-Sindku spjega illi dan ghandu jsir kemm jista' jkun malajr izda peress li ghad iridu jsiru xogholijiet fit-triq min naha tal-WSC jista' jkun li din tigi posposta sakemm ma jkunx hemm struzzjonijiet ohra mill-PPCD.

## 3.0 Jum l-Gharb – 5 ta' Settembru, 2010.

3.1 Is-Sindku spjega illi fil-gurnata proposta ghal Jum l-Gharb il-5 ta' Settembru, 2010 ser issir attivita' organizzata mill-PPCD gewwa l-gnien tal-Munxar fejn il-Kunsill gie mistieden sabiex jiehu sehem permezz ta' materjal dwar il-progett ta' Wied il-Mielah. Is-Sindku spjega illi l-project manager Paul Curmi qed jikkoordina is-sehem tal-Kunsill f'din l-attivita'.

3.2 Il-Kunsill qabel li jbiddel id-data ta' Jum l-Gharb ghat-3 jew l-4 ta' Settembru skond id-disponibilita' tal-entertainers.

3.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jinkariga lil 2ceeMedia ghall-provvista tas-sound u li ghandhom jinkrew siggijiet ghall-okkazjoni.

**3.4 Premju Gharb 2010**

**3.4.1** Gew trattati in-nominazzjonijiet minghand l-ghaqdiet lokali li maghhom gew innominati wkoll mill-Kunsill Patrick Formosa u Manuel Cauchi. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel illi Premju Gharb 2010 ghandu jinghata lil Patrick Formosa.

**3.5 Premju Qlub Generuzi 2010**

3.5.1 Il-Kunsill tratta in-nominazzjonijiet minghand l-ghaqdiet lokali. Il-Kunsill qabel unanimament illi Premju Qlub Generuzi 2010 ghandu jinghata lil Michael Mizzi.

**3.6 Premju Volontarjat Lokali 2010**

3.6.1 Il-Kunsill tratta in-nominazzjonijiet minghand l-ghaqdiet lokali. Il-Kunsill qabel unanimament illi Premju Volontarjat Lokali 2010 ghandu jinghata lil Ignatius Farrugia.

**3.7 The Gharb Gozitan Cultural Award 2010**

3.7.1 Ghal dan il-premju kienu nominati Doris Bugeja dilettanta tal-Karnival u l-kittieb Pierre Meylaq. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel unanimament illi Gharb Gozitan Cultural Award 2010 ghandu jinghata lil Doris Bugeja.

**4.0 Skema Public Private Partnership fuq Toroq.**

4.1 Giet trattata il-korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill gie infurmat li l-applikazzjoni tal-Kunsill taht Memo 45/2010 giet milqugha fejn il-Kunsill inghata il-kunsens tad-Dipartiment sabiex johrog it-tender tal-PPP ghat-toroq Triq il-Knisja u Triq Trux.

4.2 Is-Sindku spjega illi t-tenders li hargu sa issa taht din l-iskema qed ikunu b'rati gholjin b'madwar 15% - 35%.

4.3 Is-Sindku ppropona il-Kunsill ghandu jikkunsidra li jidhol f'dan il-ftehim ghal toroq li jridu jsiru bit-tieni kisja tarmak.

4.4 Il-Kunsill peress li intalab li jippubblika it-tender sa l-ahhar ta' Awissu qabel li jitlob estensjoni sabiex sadanittant ikun jista' jaghmel stima tat-toroq li fadal isiru bit-tieni kisja.

**5. Approvazzjoni ta' hlasijiet.**

5.1 Ma gietx imhejjija skeda ta' pagamenti.

**6. Korrispondenza u materji ohra.**

6.1 Is-Sindku spjega illi mill-flus li ingabru relatati mas-safra lejn Quadrelle il-Kunsill ser jaghmel il-pagament ta' Virtu' Ferries u t-transport lokali filwaqt li l-bqija ser jghaddu lill-Ghaqda Dilettanti tal-Karnival sabiex jiggestixxu l-ispejjez l-ohra. Il-Kunsill mhux ser ikun qed johrog fondi minn tieghu ghal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-progett li ha l-Kunsill taht il-Mizura 323 jiswa €573,000. Il-Kunsill qabel li ghandha issir talba ghall-ko-finanzjament u biex tittiehed il-loan.

6.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-premises tieghu fejn is-Sindku ppropona illi il-parti li tmiss ma l-iskola ghandha tinbena kemm jista' jkun malajr. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni li m'hemmx budget allokat ghal dan il-progett. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha ssir it-talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex l-approvazzjoni tas-self li harget mill-BOV dwar self ghal progett tac-Centru Civiku tkun approvata.

6.4 Is-Sindku ppropona illi l-Kunsill ghandu jixtri ornament tal-Milied fosthom sigra artificjali sabiex titpogga fil-pjazza fi zmien il-Milied. Is-sigra hija stmata li tiswa madwar €2300. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni li jinhtieg li tinhareg kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel unanimament li tinhareg il-kwotazzjoni relatata.

6.5 Il-Kunsill tratta il-kwotazzjoni ta' Laferla insurance ta' estensjoni fl-'all risks' cover tal-Kunsill biex tinkludi l-ghamara u equipment f'Wied il-Mielah ghall-premium addizzjonali ta' €136.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.6 Giet trattata korrispondenza mid-Dipartiment Gvern Lokali dwar Konferenza Internazzjonali tat-Town Twinning li ser issir fi Frar 2011.

6.7 Is-Sindku spjega illi qed tithejja gazzetta biex titqassam gewwa Quadrelle mill-istand li ser ikollu l-Kunsill waqt il-festival Arte Not, fiz-zjara kulturali li l-Kunsill ser jaghmel mal-grupp Ghaqda Dilettanti tal-Karnival bejn is-26 u l-31 ta' Awissu. Din ser tkun tinkludi informazzjoni dwar l-Gharb u Ghawdex. Gie spjegat illi gew ikkuntattjati is-sidien tal-hwienet ta' Dbiegi u tal-farmhouses fejn inghatatilhom possibilita' li jirreklamaw fuq din il-gazzetta ghall prezz ta' €27.50. Is-Sindku spjega illi l-MTA ser toffri €100 bhala sponsor ghal din il-gazzetta.

6.8 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-playing field. Is-Sindku spjega illi huwa ghamel talba lill-MTA biex tghin f'dan il-progett. Is-Sindku spjega illi qabel ix-xitwa jinhtieg illi ssir il-manutenzjoni mehtiega fuq is-saqaf tal-isports complex.

Il-laqgha spiccat hin 7.50pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv